

Brussell, 10 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

12381/26

CODIF 29
CODEC 1538
AGRI 620

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar in-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (kodifikazzjoni)
----------	--

Id-delegazzjonijiet isibu hawn meħmuż il-proposta ta' kodifikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fis-suġġett (COM(2026) 413 final u l-Annessi minn 1 sa 4).

Id-delegazzjonijiet mistiedna jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-proposta ta' kodifikazzjoni sa nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru 2026 fl-indirizzi li ġejjin:

Codification@consilium.europa.eu U sj-codification@ec.europa.eu

Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tad-delegazzjonijiet għall-Gwida Prattika dwar il-Kodifikazzjoni (id-dokument 14722/14 + COR 1).

Mehmuż: COM(2026) 413 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.7.2026
COM(2026) 413 final

2026/0229 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar in- Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (kodifikazzjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa tal-poplu, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lis-simplifikazzjoni u ċ-ċarezza tal-liġi tal-Unjoni sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli għaċ-ċittadini u b'hekk toffrilhom opportunitajiet ġodda u ċ-ċans li jagħmlu użu mid-drittijiet speċifiċi li tagħtihom.

Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi, spiss b'mod sostanzjali, jibqgħu mferrxin bejn l-att oriġinali u atti sussegwenti li jemendaw l-att oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' xogħol ta' riċerka konsiderevoli li jqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli attwalment fis-seħħ.

Għalhekk huwa essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tkun ċara u trasparenti.

2. Fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet¹ li tordna lill-persunal tagħha li kull att għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, filwaqt li enfazzzja li din hija kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anki f'intervalli iqsar biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħhom ikunu ċari u jinftehm malajr.

3. Dan ġie kkonfermat mill-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992)², filwaqt li saħqu fuq l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza f'dak li jirrigwarda l-liġi applikabbli għal materja partikolari f'mument partikolari.

Il-kodifikazzjoni għandha ssir f'konformità sħiħa mal-proċedura normali għall-adozzjoni ta' atti tal-Unjoni.

Billi l-ebda bidla sostanzjali ma tista' ssir lill-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu, permezz ta' ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994, li tista' tintuża proċedura aċċelerata għall-adozzjoni rapida ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta huwa li ssir il-kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat- 30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi n-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli³. Ir-Regolament il-ġdid jissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fih⁴; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu tal-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kulma tagħmel huwa li tgħaqqadhom filwaqt li tagħmel biss dawk l-adattazzjonijiet formali meħtieġa mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.

5. Il-proposta ta' kodifikazzjoni tħejjiet fuq il-bażi ta' konsolidazzjoni preliminari, fil-lingwi uffiċjali kollha, tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 u tal-atti li jemendawh, magħmula mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' dejta. Fejn l-Artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri qodma u dawk ġodda tidher fit-tabella kif stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament ikkodifikat.

¹ COM(87) 868 PV.

² Ara l-Anness 3 għall-Parti A tal-Konklużjonijiet.

³ Imdaħħla fil-programm leġiżlattiv għal 2026.

⁴ Ara l-Anness III għal din il-proposta.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**☒ dwar in- ☒ Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli
(kodifikazzjoni)**

↓ 1217/2009 (adattat)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ☒ 43(2) ☒ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

↓

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009⁶ ġie emendat kemm-il darba⁷ b'mod sostanzjali. Fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi kkodifikat.

↓ 2023/2674 premessa 1 (adattat)

- (2) L-analiżi u l-iżvilupp tas-settur agrikolu tal-Unjoni u tal-politika agrikola komuni ☒ (PAK) ☒ jeħtieġu informazzjoni oġġettiva, aġġornata u rilevanti dwar il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà ta' azjendi fl-Unjoni.

↓ 2023/2674 premessa 3 (adattat)

- (3) ☒ In- ☒ Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN), ☒ għall-għbra tad-*data* ☒ fil-livell tal-azjendi agrikoli dwar is-sostenibbiltà

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁶ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat- 30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1217/oj>).

⁷ Ara l-Anness III.

☒ jenħtieġ li ☒ jappoġġja l-iżvilupp ta' politiki bbażati fuq l-evidenza u l-prestazzjoni, kif ukoll l-analiżi tas-setturi agrikoli fl-Istati Membri individwali u fl-Unjoni kollha kemm hi, filwaqt li jkejjel il-progress u jagħti gwida siewja lil dawk li jfasslu l-politika. L-FSDN ☒ jenħtieġ li ☒ jikkontribwixxi għall-analiżi tad-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali mtejbja tal-(PAK) għat-titjib tas-servizzi ta' konsulenza lill-bdiewa u għall-valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli, u għat-trasparenza u l-ekwità tal-katina tal-provvista agroalimentari.

↓ 2023/2674 premessa 4

- (4) Sabiex tingħata sustanza lill-oġettivi tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-isfidi attwali u futuri tagħha, huwa xieraq li jiġu koperti t-tliet dimensjonijiet tas-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-Unjoni, jiġifieri d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali, b'mod partikolari kif previst fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸. Skont l-Artikolu 11 TFUE, id-*data* dwar il-protezzjoni ambjentali jenħtieġ li tiġi integrata fl-FSDN sabiex tikkontribwixxi għall-valutazzjoni ta' aspetti addizzjonali relatati mas-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-Unjoni. Barra minn hekk, sabiex tissaħħaħ ir-rabta mal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-qafas għas-sostenibbiltà tal-azjendi skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti jenħtieġ li jitqies f'termini ta' tliet aspetti ewlenin: ekonomiċi, ambjentali u soċjali.
-

↓ 2023/2674 premessa 5

- (5) L-oġettivi hawn fuq imsemmija jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' network tal-Unjoni għall-ġbir ta' *data* dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli, jiġifieri l-FSDN, ibbażat fuq il-persuni diġà eżistenti li jiġbru d-*data* f'kull Stat Membru u li għandhom il-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati.
-

↓ 2023/2674 premessa 6

- (6) Hemm bżonn li tiġi vvalutata s-sostenibbiltà ġenerali tal-azjendi, inkluż abbażi ta' *data* ambjentali marbuta mal-ħamrija, l-arja, l-ilma u l-bijodiversità, kif ukoll *data* li tkopri d-dimensjoni soċjali tal-biedja, b'attenzjoni partikolari mogħtija lis-sitwazzjoni tan-nisa u taż-żgħażaġħ bħala bdiewa u bħala ħaddiema tal-azjendi agrikoli. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti f'anness ta' dan ir-Regolament l-kategoriji ewlenin ta' *data* ekonomika, ambjentali u soċjali u f'dawn il-kategoriji, is-suġġetti tad-*data* relatati li jistgħu jinġabru u jiġu kkompilati fl-FSDN. Jenħtieġ li dawk is-suġġetti tad-*data* jkunu marbuta mal-ħtiġijiet tal-PAK u jkunu rilevanti għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-agrikoltura u tal-azjendi tal-Unjoni. Sabiex jitqiesu l-isfidi futuri tas-sostenibbiltà, jenħtieġ li s-setgħa li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-emendar ta' dak l-anness, inkluż billi timmodifika

⁸ Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-politika agrikola komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj>).

suġġetti u żżid oħrajn ġodda, filwaqt li tqis ir-rilevanza tad-*data* li għandha tinġabar u tiġi kkompilata u l-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet nazzjonali u l-azjendi. Barra minn hekk, meta żżid suġġetti ġodda, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprevedi perjodu minimu ta' mill-inqas sena qabel l-applikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni relatat dwar il-varjabbli, sabiex tagħti biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex jippreparaw il-ġbir tad-*data*.

↓ 2023/2674 premessa 7 (adattat)

- (7) Biex tiġi deskritta d-dimensjoni soċjali tas-sostenibbiltà, huwa meħtieġ li jinġabru ċerti tipi ta' *data* personali ta' persuni li jaħdmu fis-settur agrikolu. Tali informazzjoni jenħtieġ li tappoġġja l-analiżi ta' suġġetti relatati għall-oġettivi speċifiċi tal-PAK skont l-Artikolu 6(1), il-punti (g) u (h), tar-Regolament (UE) 2021/2115. L-ipproċessar ta' tali *data* personali jenħtieġ li jkun limitat għall-kategoriji ta' *data* li huma strettament meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ⁹ ta' dan ir-Regolament skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, u ¹⁰ b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu, kif ukoll ¹¹ ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tiegħu.

↓ 2023/2674 premessa 8

- (8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika r-riżultati tal-analiżijiet dwar l-istat tas-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-Unjoni, b'mod partikolari sabiex tippermetti l-użu ta' daww ir-riżultati għall-finijiet ta' valutazzjoni komparattiva. Is-servizzi ta' konsulenza offruti lill-azjendi prospettanti bbażati fuq id-*data* tal-FSDN jistgħu jkunu siewja u b'hekk joffru inċentiv sinifikanti favur il-parteċipazzjoni fl-FSDN, dment li l-parir ikun ibbażat fuq *data* rilevanti u kemm jista' jkun reċenti, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi bbażati fuq ix-xjenza u l-aħħar għarfien disponibbli dwar l-aħjar prattiki. Id-disseminazzjoni tad-*data* aggregata tal-FSDN relatata mas-suġġetti ambjentali stabbiliti b'dan ir-Regolament, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fih, jenħtieġ li sservi l-iskop ta' disseminazzjoni attiva u sistematika lill-pubbliku tal-informazzjoni ambjentali meħtieġa mid-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u mir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹².

⁹ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

¹⁰ Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

¹¹ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/4/oj>).

¹² Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1367/oj>).

↓ 2023/2674 premessa 9 (adattat)

- (9) Ir-Regolamenti (UE) 2022/2379¹³ u (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ jipprevedu l-possibbiltà li l-Istati Membri jużaw sorsi oħra għall-istħarriġ statistiku. Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ jirreferi għall-użu tad-*data* tan-  Network ta' Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola  (FADN), stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1217/2009 u konvertit fl-FSDN. Abbażi ta' daww l-għażliet u għall-fini tal-użu mill-ġdid tad-*data* u titjib fl-effiċjenzi, jkun utli li l-Istati Membri jitħallew jużaw id-*data* tal-FSDN għal finijiet statistiċi.
-

↓ 1217/2009 premessa 4

- (10) L-informazzjoni miġbura għandha tiġi miksuba minn azjendi agrikoli magħżula b'mod speċjali u adatt skond regoli komuni u trid tkun ibbażata fuq fatti verifikabbli. Din l-informazzjoni għandha tirrifletti l-kondizzjonijiet tekniċi, ekonomiċi u soċjali tal-azjendi involuti, tittieħed minn azjendi individwali, tkun disponibbli malajr kemm jista' jkun, tkun ibbażata fuq definizzjonijiet uniformi, tkun preżentata b'forma komuni u tkun tista' tiġi użata f'kull mument u bid-dettalji kollha mill-Kummissjoni.
-

↓ 1217/2009 premessa 6 (adattat)

- (11) Sabiex jinkisbu r-riżultati li jkunu omoġenji biżżejjed fil-livell  tal-Unjoni , l-azjendi li jibagħtu prospett għandhom ikunu mifruxa fost it-taqsimiet varji u fost il-kategoriji varji tal-azjendi fuq il-bażi ta' stratifikazzjoni fl-oqsma ta' l-istħarriġ ibbażata fuq it-tipoloġija  tal-Unjoni  tal-azjendi agrikoli kif  mwaqqfa  oriġinarjament bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1242/2008¹⁶.
-

↓ 1217/2009 premessa 7 (adattat)

- (12) It-taqsimiet tan-netwerk ta' informazzjoni għandhom sa fejn huwa possibbli, ikunu identiċi għal daww użati għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni oħra reġjonali li huma essenzjali sabiex jiġu pprovduti l-linji gwida għall- PAK .

¹³ Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009 u (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2379/oj>).

¹⁴ Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1091/oj>).

¹⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikolutra fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/138/oj>).

¹⁶ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1242/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi tipoloġija Komunitarja għal azjendi agrikoli (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1242/oj>).

- (13) L-Istati Membri jew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jenħtieġ li jagħmlu hilitom biex jimmodernizzaw kemm jista' jkun il-modi tal-ġbir ta' *data*. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li tinġabar *data* armonizzata u li tiġi evitata d-duplikazzjoni tad-*data* diġà miġbura, pereżempju, permezz ta' statistika dwar l-inputs u l-outputs agrikoli jew il-PAK. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa u għal dawk li jiġbru d-*data*, bl-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni tat-talbiet għad-*data* u għall-ġbir ta' *data* u biex jissaħħaħ is-sett ta' *data* tal-FSDN, jenħtieġ li jiġi applikat il-prinċipju tal-ġbir ta' *data* ta' darba u l-użu mill-ġdid tagħha għal diversi drabi. Għandha tiġi kkunsidrata d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷. L-użu ta' soluzzjonijiet diġitali, inkluż l-użu mill-ġdid tad-*data* u l-kondiviżjoni tad-*data* ma' sorsi oħra, jenħtieġ li jiġi promoss u jenħtieġ li jkun dejjem ikkunsidrat bħala s-soluzzjoni tal-ewwel għażla, meta dan iwassal għall-parteċipazzjoni wiesgħa tal-bdiewa u l-preċiżjoni tad-*data* miġbura. Għal dak il-fini, jenħtieġ li jiġu esplorati l-iżvilupp jew l-ottimizzazzjoni tal-għodod diġitali disponibbli għall-ġbir tad-*data*. Jenħtieġ li tiġi prevista estensjoni tas-sistema ta' ġbir ta' *data* meta din tkun ibbażata esklussivament fuq l-uffiċċji tal-kontabbiltà agrikola bil-ħsieb tal-ġbir ta' varjabbli ambjentali u soċjali.

- (14) Sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-kompilazzjoni tal-prospetti tal-azjendi agrikoli u biex jitnaqqas il-piż fuq l-azjendi prospettanti, l-aġenziji ta' kollegament jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw fil-ħin u mingħajr ħlas sorsi ta' *data* nazzjonali li jistgħu jintużaw għal *data* rilevanti sabiex jiġu kkompilati l-prospetti tal-azjendi agrikoli kif definit u stabbilit b'dan ir-Regolament. L-użu ta' tali sorsi ta' *data* huwa meħtieġ għall-eżerċizzju tal-kompiti mogħtija lill-aġenziji ta' kollegament. Għal dawk il-finijiet huwa xieraq li jiġu definiti l-modalitajiet għall-aċċess ta' tali sorsi tad-*data* u li jintużaw metodi oħra ta' kompilazzjoni tad-*data* jew approċċi innovattivi, inkluż għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-entitajiet li jittrattaw id-*data* fl-Istat Membru kkonċernat. Jenħtieġ li f'dan ir-Regolament tiġi stabbilita lista ta' sorsi ta' *data* rilevanti disponibbli fil-livell nazzjonali li l-aġenziji ta' kollegament jistgħu jużaw biex jikkomplilaw il-prospetti tal-azjendi agrikoli. Sabiex jiġi żgurat li l-lista tibqa' aġġornata u rilevanti, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-emendar ta' dik il-lista. B'mod partikolari, is-settijiet tad-*data* li ☒ joriġinaw ☒ mill-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1091 u mill-istatistika dwar l-input u l-output agrikolu stabbilita bir-Regolament (UE) 2022/2379 jenħtieġ li jiżdiedu ma' dik il-lista meta l-kondiviżjoni tad-*data* minn dawk is-sorsi tad-*data* tkun ☒ abilitata ☒ legalment.

¹⁷ Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj>).

- (15) Minbarra d-*data* li tinsab fil-prospett tal-biedja għall-azjendi prospettanti, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu l-mezzi biex il-Kummissjoni ttejjeb il-kapaċità li tanalizza kwistjonijiet ta' sostenibbiltà billi tikkomplementa d-*data* dwar il-prospetti tal-biedja b'kontenut mid-*data* għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK (DME) miksuba skont l-att ta' implimentazzjoni adottat abbażi tal-Artikolu 133 tar-Regolament (UE) 2021/2115 jew mis-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAC) stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸, filwaqt li jiġi evitat li jiżdied il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u l-azjendi prospettanti. Peress li l-approċċi u l-metodoloġiji tal-ġbir u l-kompilazzjoni tad-*data* jistgħu jvarjaw bejn l-FSDN u dawk is-settijiet tad-*data* l-oħra, pereżempju fir-rigward tad-definizzjonijiet u l-ħinijiet ta' referenza, jista' jkun neċessarju li jitqiesu kwistjonijiet ta' konsistenza meta tiġi analizzata d-*data*. F'dak il-kuntest, l-obbligu tal-Istati Membri jenħtieġ li jinftehem bħala obbligu li jipprovdu d-*data* li tinsab f'dawk is-settijiet ta' *data* iżda mhux li jiżguraw konsistenza sħiħa mal-FSDN. Sabiex il-lista ta' settijiet tad-*data* tinżamm aġġornata kemm jista' jkun, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal- emendar ta' dik il-lista ta' settijiet tad-*data* u biex iżżid settijiet tad-*data* xierqa u rilevanti ġodda li huma adatti għall-konnessjoni fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li tqis u tiġġustifika kif xieraq ir-rilevanza tad-*data* li għandha tinġabar u tiġi kkompilata u l-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u l-azjendi prospettanti.

- (16) Fir-rigward tad-DME, eżempju ta' tali *data* huwa *data* diżaggregata dwar l-interventi tal-PAK. Fir-rigward tad-*data* fis-SIAC, eżempji ta' tali *data* huma l-kopertura tal-art ta' żoni agrikoli, għelejjel, karatteristiċi tal-pajżaġġ u ġestjoni tal-art skont prattiki tal-biedja organika. L-identifikazzjoni tal-azjendi fid-DME u s-SIAC hija ġestita mill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali permezz ta' identifikaturi speċifiċi. Abbażi ta' dawk l-identifikaturi, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jikkonnettjaw tali *data* fil-livell tal-azjendi agrikoli individwali. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħżlu li jibgħatu lill-Kummissjoni jew dawk ir-rabtiet jew id-*data* rilevanti relatata mal-azjenda prospettanti inkluża f'dawk is-settijiet ta' *data*. Fejn l-Istati Membri jagħżlu li jibgħatu d-*data* rilevanti, dik id-*data* jenħtieġ li tinkludi n-numru tal-FSDN, sabiex il-kontenut rilevanti jkun jista' jingħaqad mal-prospetti tal-azjendi agrikoli fil-livell tal-Unjoni. Il-mod kif din l-informazzjoni tiġi kkonnettjata fil-livell ta' azjenda agrikola individwali jenħtieġ li jiġi speċifikat, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*. Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-użu tad-*data* minn dawk is-settijiet tad-*data*, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-elenkar tad-*data* li għandha tiġi estratta minn dawk is-settijiet ta' *data*, kif ukoll biex tistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-ispeċifikazzjoni teknika u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data*. Jenħtieġ li dik id-*data* tkun marbuta

¹⁸ Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj>).

mal-iskop, ☒ kif ukoll ma' suġġett wieħed jew aktar stabbiliti ☒ f'dan ir-Regolament.

↓ 1217/2009 premessi 9 u 10
(adattat)

- (17) Il-qasam ta' l-istħarriġ tan-netwerk ta' l-informazzjoni jrid jinkludi l-azjendi agrikoli kollha ta' ċertu daqs ekonomiku, irrISPettivament minn kull xogħol barrani li l-operatur jista' jidħol għalih. ☒ Dan il-qasam għandu jerġa jiġi eżaminat perġodikament fid-dawl tad-*data* dwar l-istatistika integrata ta' l-azjendi agrikoli. ☒ ☒ L-azjendi prospettanti jenħtieġ ☒ li jiġu magħżula skond ir-regoli stabbiliti fil-kuntest ta' pjan ta' għażla mmirat sabiex jikseb kampjun rappreżentattiv t tal-qasam ta' l-istħarriġ.
-

↓ 1318/2013 premessa 2 (adattat)

- (18) Sabiex ċertu elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu ssupplimentati jew emendati, is-setgħa li jkunu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-TFEU għandha tkun delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness II fir-rigward ta' taqsimiet għal kull Stat Membru ☒ tal-FSDN ☒ ware rikjesta minn Stat Membru, l-istabbiliment tar-regoli biex jiġi stipulat il-livell limitu għad-daqs ekonomiku ta' azjendi prospettanti u r-regoli għall-istabbiliment tal-pjan għall-għażla ta' azjendi prospettanti, l-istabbiliment tal-perijodu ta' referenza għall-produzzjoni standard, id-definizzjoni tat-tipi ta' biedja ġenerali u prinċipali, l-ispeċifikazzjoni tal-gruppi ewlenin ta' informazzjoni tal-kontabilità li għandha tinġabar, u l-adozzjoni ta' regoli ġenerali dwar l-informazzjoni tal-kontabilità li għandha tkun inkluża fil-prospetti tal-azjenda agrikola.
-

↓ 1318/2013 premessa 3 (adattat)

- (19) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan-Regolament u sabiex tkun evitata diskriminazzjoni bejn il-bdiewa, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom ikunu konferiti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-limitu massimu għad-daqs ekonomiku ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet, l-istabbiliment tan-numru ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għal kull Stat Membru u għal kull taqsima tal- ☒ FSDN ☒, l-istabbiliment u l-aġġornament tal-metodi u l-mudelli għan-notifika tal-pjan ta' għażla lill-Kummissjoni, l-istabbiliment tal-proċeduri u l-metodi ta' kalkolu applikabbli għat-tipoloġija tal-Unjoni kif ukoll ir-regoli dettaljati dwar l-attivitajiet tal-kumitati nazzjonali għan-netwerk tad-*data* u l-aġenziji ta' kollegament tal-Istati Membri.
-

↓ 1217/2009 premessa 11

- (20) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, huwa mixtieq illi d-deċiżjonijiet ewlenija li jirrigwardaw l-għażla tal-azjendi li jibagħtu prospett, b'mod partikolari t-twaqqif tal-pjan ta' l-għażla, għandhom jiġu adottati fil-livell nazzjonali. Bħala konsegwenza ta' dan, huwa f'dan il-livell illi korp għandu jingħata r-responsabbiltà għal dan ix-xogħol. Dawk l-Istati Membri li għandhom numru ta' taqsimiet għandhom, madankollu, jkunu ħielsa li jżommu l-kumitati reġjonali.

↓ 2023/2674 premessa 16

- (21) Il-FSDN jenħtiegħ li jiddependi fuq il-parteciċipazzjoni volontarja. Madankollu, peress li xi Stati Membri jiffaċċjaw problemi bil-parteciċipazzjoni tal-azjendi fil-FSDN, jenħtiegħ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jadottaw regoli nazzjonali biex jindirizzaw dik il-kwistjoni mingħajr ma jimponu penali fuq il-bdiewa. L-Istati Membri jenħtiegħ li jhegħgu lill-bdiewa jipparteċipaw fl-FSDN billi jużaw inċentivi li jenħtiegħ li jistabbilixxu fi pjan speċifiku. Dawk l-inċentivi jistgħu jieħdu l-forma ta', inter alia, kontribuzzjonijiet finanzjarji, feedback dwar il-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli, jew pariri bbażati fuq informazzjoni tal-FSDN.
-

↓ 1217/2009 premessa 12

- (22) L-aġenzija nazzjonali tal-kollegament trid tiegħu sehem qawwi fl-immaniġġar tan-network ta' informazzjoni.
-

↓ 2023/2674 premessa 17

- (23) L-FSDN jenħtiegħ li jippermetti l-valutazzjoni komparattiva tad-*data* mill-azjenda prospettanti mad-*data* aggregata meta d-*data* tirrappreżenta diversi azjendi prospettanti u tiġi ppreżentata fil-forma ta' medji reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni jew settorjali. Fir-rigward tad-*data* tal-kontabbiltà, il-kontijiet ta' azjendi jikkostitwixxu s-sors bażiku għal kwalunkwe valutazzjoni tal-introjt tagħhom jew studju tal-operat tan-negozju tagħhom. Il-medji reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni jew settorjali jenħtiegħ li jkunu disponibbli wkoll fil-livell tal-Istati Membri biex jissaħħaħ l-għarfien dwar is-sitwazzjoni agrikola. Jenħtiegħ li jkun possibbli wkoll li d-*data* miġbura tintuża biex jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza personalizzati u feedback imtejba lill-bdiewa bl-għan li tiġi faċilitata l-ġestjoni tal-azjendi u li tittejjeb is-sostenibbiltà tagħhom.
-

↓ 2023/2674 premessa 18

- (24) Id-*data* tal-FSDN jenħtiegħ li tirreferi għal attivitajiet agrikoli u attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ relatati direttament mal-azjendi sabiex ikun possibbli li jiġu koperti l-aspetti rilevanti kollha tal-attivitajiet tal-azjendi. Jenħtiegħ li jitqiesu wkoll l-attivitajiet barra l-azjenda agrikola, bħala indikazzjoni meħtieġa tal-vijabbiltà u s-sostenibbiltà ġenerali tal-azjenda. F'dak il-każ, il-granularità tad-*data* miġbura jenħtiegħ li tkun strettament limitata għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi analizzat is-sinifikat tal-attivitajiet barra l-azjenda agrikola fir-rigward tal-attivitajiet agrikoli. Jenħtiegħ li ma titqies l-ebda *data* relatata mal-assi privati fit-tħejjija tal-prospetti tal-azjendi agrikoli.
-

↓ 2023/2674 premessa 19
(adattat)

- (25) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-prospetti tal-azjendi agrikoli, u b'mod partikolari li d-*data* fil-prospetti tal-biedja tkun komparabbli, jenħtiegħ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-varjabbli li għalihom jenħtiegħ li tinġabar id-*data*, is-sena ta' rappurtat, il-forma u t-taqsim tal-prospett tal-azjendi agrikoli a u r-regoli għat-trażmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni. Meta tiddefinixxi dawk il-varjabbli, il-Kummissjoni jenħtiegħ li

tagħmel hilita biex tuża sorsi ta' *data* eżistenti u tanalizza l-fattibbiltà tal-varjabbli, abbażi ta' inputs mill-Istati Membri dwar sorsi u metodi possibbli ta' *data*, bil-ħsieb li jiġi limitat il-piż fuq l-Istati Membri u l-azjendi prospettanti. ☒ Filwaqt li jsir sforz biex jiġi żgurat li d-*data* miġbura tkun komparabbli u utli għal finijiet analitiċi, huwa xieraq li jiġu akkomodati iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Istati Membri sabiex jinkiseb sett tad-*data* komplut u uniformi fl-Unjoni kollha, u għalhekk tenħtieġ li jkunu possibbli eżenzjonijiet speċifiċi u ġustifikati. ☒

↓ 2023/2674 premessa 20

- (26) Is-sistema ta' *data* kompjuterizzata stabbilita mill-Kummissjoni jenħtieġ li i tiffunzjona għat-trażmissjoni u l-verifika tad-*data* bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u għall-analiżi tad-*data* kemm fil-livell tal-azjendi agrikoli individwali kif ukoll fil-livell aggregat. Dik is-sistema tad-*data* kompjuterizzata jenħtieġ li tiġi adattata biex il-Kummissjoni jew l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkombinaw *data* fil-livell tal-azjendi agrikoli individwali bejn l-FSDN u settijiet ta' *data* oħra (bħal DME u SIAK). Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dik is-sistema tad-*data* kompjuterizzata, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward ta' regoli dettaljati dwar il-ħżin, l-ipproċessar, l-użu mill-ġdid u l-kondiviżjoni tad-*data* fil-Kummissjoni.
-

↓ 2023/2674 premessa 21
(adattat)

- (27) Sabiex jiżdied il-livell tal-aċċettazzjoni tal-bdiewa biex jipparteċipaw fil-ġbir tad-*data* u biex id-*data* individwali tiġi protetta minn użu mhux awtorizzat jew mhux xieraq, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li d-*data* individwali jenħtieġ li tintuża biss għal skopijiet analitiċi marbuta mal-oġettivi ☒ tal-PAK ☒ u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-Unjoni, u, f'każ li l-Istati Membri jiddeċiedu dan, għal finijiet ta' statistika. Kwalunkwe użu ieħor tad-*data* individwali mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni, b'mod partikolari għall-kontrolli skont ir-Regolament (UE) 2021/2116 jew għal finijiet ta' tassazzjoni, jenħtieġ li jiġi pprojbit.
-

↓ 2023/2674 premessa 22

- (28) F'każ li d-*data* tal-FSDN u d-*data* minn settijiet ta' *data* oħra tiġi kondiviża mill-Kummissjoni jew mill-aġenziji ta' kollegament, huwa tal-akbar importanza li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-*data* u tingħata assigurazzjoni lill-bdiewa, kemm persuni fiżiċi u kif ukoll daww għuridiċi, li d-*data* individwali tagħhom miksuba skont dan ir-Regolament jiġu anonimizzati biex tiġi evitata l-identifikazzjoni tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li d-*data* tal-FSDN u d-*data* minn settijiet ta' *data* oħra jistgħu jsiru pubbliċi dment li jkunu kemm aggregati kif ukoll anonimizzati. Fir-rigward tad-*data* minn settijiet ta' *data* oħra, jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li se jsiru pubbliċi f'format aggregat u anonimizzati biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għalhekk hija mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar daww is-settijiet ta' *data* previsti fil-leġiżlazzjoni speċifika rilevanti tal-Unjoni.

↓ 2023/2674 premessa 23

- (29) Jenħtiegħ li jkun possibbli li jingħata aċċess għal *data* psewdonimizzata għal finijiet ta' *ricerca*, fl-interess tal-progress xjentifiku fil-qasam agrikolu fl-Unjoni u sabiex jingħata kontribut għall-indirizzar tal-isfidi ffaċċjati mill-agrikoltura tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat l-livell għoli ta' protezzjoni li dik id-*data* teħtiegħ, jenħtiegħ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli u kondizzjonijiet għal tali aċċess fil-livell tal-Unjoni. Jenħtiegħ li l-Kummissjoni tikseb l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* qabel ma tadotta dawk l-atti delegati.
-

↓ 2023/2674 premessa 24

- (30) Il-ġestjoni tad-*data* fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* individwali jenħtiegħ li tiġi speċifikata mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri permezz ta' miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiġi żgurat li d-*data* tintuża biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Il-proċessi li jikkorrispondu għal, u li jkunu konsistenti ma' dawk użati biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1725 jenħtiegħ li jintużaw fir-rigward tal-għażla ta' miżuri tekniċi u organizzattivi għall-protezzjoni tad-*data* kif ukoll l-evalwazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' tali miżuri. Barra minn hekk, jenħtiegħ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jipprojbixxu persuni li jipparteċipaw fil-FSDN milli jiżvelaw *data* individwali. Fir-rigward tad-*data* personali, il-kamp ta' applikazzjoni sħiħ tal-protezzjoni, inklużi d-drittijiet u l-obbligi tas-suġġetti tad-*data* u tal-proċessuri tad-*data*, jenħtiegħ li jikkonforma mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725.
-

↓ 2023/2674 premessa 25

- (31) Skont ir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, id-*data* personali trid tinżamm biss sakemm tkun meħtieġa għall-finijiet li għalihom tkun inġabret dik id-*data*. L-użi tad-*data* tal-FSDN, u tad-*data* personali inkluża fiha, jenħtiegħ li jinkludu l-possibbiltà li jiġu analizzati x-xejriet fit-tul abbażi ta' indikaturi, bħal dwar il-ġestjoni tan-nutrijenti jew l-emissjonijiet, li l-evoluzzjoni tagħhom jeħtiegħ li tiġi vvalutata fuq perjodu twil ta' żmien biex jinżamm il-pass mal-fenomeni naturali. Għalhekk, jenħtiegħ li jsiru analizzijiet b'mod regolari, speċjalment dwar l-informazzjoni ambjentali. Suġġetti oħra li jimplikaw l-użu ta' analiżi fit-tul jinkludu l-użu tal-art u l-prezzijiet, li jipprovdu informazzjoni dwar bidliet strutturali fil-biedja. Jenħtiegħ li jkun possibbli wkoll li tinbena tali analiżi fit-tul ibbażata fuq il-kondiviżjoni tad-*data* bejn settijiet ta' *data* differenti stabbiliti permezz ta' rabtiet fillivell individwali. Il-kondiviżjoni tad-*data* jenħtiegħ li ttejjeb id-disponibbiltà tal-informazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-isfidi li l-agrikoltura tal-Unjoni tista' tiffaċċja fil-futur. Sfidi bħal dawn mhumiex possibbli li jiġu previsti fiż-żmien attwali, speċjalment fir-rigward tal-ħtieġa futura għal studji retrospektivi li ma jistgħux jiġu stabbiliti b'ċertezza suffiċjenti. Għalhekk, mhuwiex xieraq li jiġi stabbilit limitu ta' żmien għall-użu tad-*data*, iżda pjuttost li d-*data* tinżamm sakemm tkun meħtieġa biex jitwettqu analizzijiet tas-serje kronoloġiċi.

↓ 2023/2674 premessa 26

- (32) Jenħtieġ li l-kompilazzjoni, l-ipproċessar u l-użu ta' *data* personali jkunu ġġustifikati u proporzjonati fir-rigward tal-finijiet tal-operazzjonijiet ikkonċernati, skont, fost l-oħrajn, il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*. Proporzjon għoli ta' bdiewa fl-Unjoni huma persuni fiżiċi. L-informazzjoni disponibbli mill-istatistika integrata tal-Unjoni dwar l-azjendi agrikoli turi li, fl-2020, fost l-għadd totali ta' azjendi fl-Unjoni, 96 % kienu jappartjenu lil persuni fiżiċi. Għalhekk huwa meħtieġ li d-*data* miġbura permezz tal-FSDN tkopri l-persuni fiżiċi sabiex jiġi żgurat li r-riżultati tal-analiżi tad-*data* jkunu rappreżentattivi tar-realtà tas-settur agrikolu.

↓ 2023/2674 premessa 27

- (33) Għall-finijiet tal-ipproċessar ta' *data* personali fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu ddeterminati r-rwoli marbuta mal-ġestjoni u l-ipproċessar tad-*data* personali. Ir-rwoli tal-ipproċessar tad-*data* fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li japplikaw għad-*data* mit-trażmissjoni ta' dik id-*data* lill-Kummissjoni permezz tal-prospetti tal-azjendi agrikoli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeterminaw il-ġestjoni tad-*data* personali fil-ġurisdizzjoni tagħhom, inklużi r-rwoli tal-protezzjoni tad-*data*, skont ir-Regolament (UE) 2016/679, filwaqt li jitqies b'mod partikolari l-fatt li d-*data* tista' tinġabar għal diversi skopijiet u li wieħed minnhom jista' jkun l-użu fil-prospetti tal-azjendi agrikoli.

↓ 1217/2009 premessa 15
(adattat)

- (34) Sabiex tissodisfa ruħha dwar l-oġġettività u r-rilevanza ta' l-informazzjoni miġbura, il-Kummissjoni għandha tkun f'posizzjoni li tikseb id-dettalji kollha meħtieġa dwar il-mod kif ☒ il-korpi li huma fdati bl-għażla tal-azjendi agrikoli u l-uffiċċji li jipparteċipaw fl-FSDN ☒ jaqdu d-dmirijietom u, jekk ikun meħtieġ, li tibgħat esperti biex jaħdmu fuq il-post bil-kollaborazzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

↓ 2023/2674 premessa 28

- (35) Minħabba l-ambitu estiż tal-FSDN meta mqabbel mal-FADN, ir-regoli dwar il-baġit tiegħu ġew adattati. Ir-Regolament (UE) 2021/2116 jipprevedi li l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) jiffinanzja l-istabbiliment u ż-żamma ta' sistemi ta' informazzjoni dwar il-kontabbiltà agrikola bħala nefqa taħt ġestjoni diretta. Jenħtieġ li jibqa' jitħallas ammont mill-FAEG lill-Istati Membri għat-twassil, sal-iskadenza stabbilita, tal-prospetti tal-biedja mimlija kif xieraq, li jista' jkun proporzjonat sal-punt li daww il-prospetti tal-biedja jkopru s-suġġetti rilevanti tad-*data*. Barra minn hekk, il-FAEG jenħtieġ li jikkontribwixxi b'mod finanzjarju għall-implimentazzjoni tas-sistemi tal-Istati Membri sabiex jallinjahom ruħhom mal-kamp ta' applikazzjoni u l-ġestjoni tal-FSDN. Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' tali finanzjament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-proċedura għall-ammonti u l-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu lill-Istati Membri mill-baġit tal-Unjoni, inklużi l-kriterji għall-allokazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji.

↓ 2023/2674 premessa 29

- (36) Meta jiġu adottati atti delegati skont dan ir-Regolament, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

↓ 2023/2674 premessa 31

- (37) Jenħtiegħ li s-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰.

↓ 2023/2674 premessa 32

- (38) Minħabba li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-ħolqien tal-FSDN, ma jistax jinkiseb b' suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost, minħabba raġunijiet tal-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtiegħ sabiex jinkisbu daww l-oġġettivi,

¹⁹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2016/512/oj.

²⁰ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

⊠ REGOLI ĠENERALI DWAR ⊠ NETWORK TAD-*DATA* DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ TAL-AZJENDI AGRIKOLI

Artikolu 1

1. Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-politika agrikola komuni (PAK), inkluża l-evalwazzjoni tal-impatt tagħha fuq is-settur agrikolu, ⊠ dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar ⊠ network tad-*data* dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli (FSDN) għall-ġbir u għall-analiżi tad-*data* dwar is-sostenibbiltà fil-livell tal-azjendi agrikoli li tkopri d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali (*data* tal-FSDN) ⊠ tal-PAK ⊠ Id-*data* tal-FSDN tista' tintuża biex tikkontribwixxi għall-valutazzjoni ta' aspetti addizzjonali relatati mas-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-Unjoni u biex tindirizza l-isfidi ffaċċjati mill-agrikoltura tal-Unjoni.

2. Id-*data* tal-FSDN għandha tkopri s-suġġetti stipulati fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 18, li jemenda l-Anness I sabiex timmodifika dawk is-suġġetti jew iżżid oħrajn ġodda. Meta teżerċita s-setgħa tagħha li tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha:

- (a) tiżgura li l-atti delegati jkunu debitament ġustifikati u ma johlqux piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew azjendi prospettanti;
- (b) twettaq analiżijiet tar-rilevanza, il-fattibbiltà u l-proporzjonalità ta' tali emenda, inklużi d-disponibbiltà u l-kwalità ta' sorsi ta' *data* xierqa, b'mod partikolari sorsi amministrattivi rilevanti, u tqis kif xieraq ir-riżultati ta' dawk l-analiżijiet;
- (c) tiżgura li kwalunkwe suġġet ġdid miżjud ikun marbut mal-oġġettivi tal-PAK;
- (d) ma żżidx suġġetti ġodda sal-20 ta' Diċembru 2028;
- (e) tadotta dawk l-atti delegati, meta jiżdiedu suġġetti ġodda, mill-inqas sena qabel id-*data* tal-applikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni relatat kif imsemmi fl-Artikolu 11(4).

3. Id-*data* tal-FSDN u d-*data* minn settijiet ta' *data* oħra msemmija fl-Artikolu 5 għandhom jintużaw biex jitwettqu analiżijiet dwar l-istat tas-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-Unjoni, inkluż f'format li jippermetti valutazzjoni komparattiva. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-riżultati minn dawk l-analiżijiet disponibbli għall-pubbliku fil-forma ta' *data* tal-FSDN aggregata u anonimizzata. Dik id-*data* tista' tintuża wkoll biex jiġu pprovduti servizzi ta' informazzjoni dwar il-valutazzjoni komparattiva jew pariri lill-bdiewa bl-għan li tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-azjendi u tittejjeb is-sostenibbiltà tagħhom. Il-pubblikazzjoni tar-

riżultati u l-użu tad-*data* għall-finijiet ta' valutazzjoni komparattiva jew ta' pariri għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 13.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw *data* tal-FSDN bħala sors ta' *data* kif imsemmi fl-Artikolu 8(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2022/2379, jew fl-Artikolu 4(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2018/1091, fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 138/2004, jew f'atti oħra adottati abbażi tal-Artikolu 338(1) TFUE.

↓ 2023/2674 Art.1.4

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “bidwi” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda tagħha tinsab fl-Unjoni;
- (2) “azjenda agrikola” jew “azjenda” tfisser unità waħda, kemm teknikament kif ukoll ekonomikament, li għandha ġestjoni unika u li twettaq attivitajiet ekonomiċi fl-agrikoltura skont l-użu ġenerali ta' dawk it-termini fil-kuntest ta' sħarriġ u ċensimenti agrikoli tal-Unjoni;
- (3) “kategorija tal-azjenda” tfisser grupp ta' azjendi li jappartjenu għall-istess kategorija, f'dak li għandu x'jaqsam mat-tip ta' biedja u d-daqs ekonomiku, kif definiti fit-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi msemmija fl-Artikolu 8;
- (4) “azjenda prospettanti” tfisser kwalunkwe azjenda li għaliha jiġi kkompilat prospett tal-azjenda agrikola għall-finijiet tal-FSDN;
- (5) “prospett tal-azjenda agrikola” tfisser il-formola, li għandha tiġi kkompilata jew li hija diġà kkompilata, b'*data* dwar l-azjenda prospettanti esklużi r-rabtiet u d-*data* msemmija fl-Artikolu 5(1);
- (6) “taqsima tan-Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli” jew “taqsima tal-FSDN” tfisser it-territorju ta' Stat Membru, jew kwalunkwe parti minnu, delimitat bl-għan li jintgħażlu l-azjendi prospettanti; lista ta' tali taqsimiet hija stabbilita fl-Anness II;
- (7) “dak li jiġbor id-*data*” tfisser aġenzija ta' kollegament jew entità inkarigata mill-aġenzija ta' kollegament bil-ġbir tad-*data* tal-FSDN;
- (8) “output standard” tfisser il-valur standard ta' produzzjoni grossa;
- (9) “*data* personali” tfisser *data* personali kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 3, il-punt (1) tar-Regolament (UE) 2018/1725;
- (10) “*data* individwali” tfisser *data* assoċjata ma' azjenda prospettanti li tippermetti li l-azjenda jew il-bidwi jiġi identifikat, direttament jew indirettament, u li tista' tkun *data* personali jew *data* dwar persuni ġuridiċi;
- (11) “*data* anonimizzata” tfisser *data* f'forma li ma tippermettix li jiġu identifikati persuni fiżiċi jew ġuridiċi b'mod dirett jew indirett;
- (12) “*data* psewdonimizzata” tfisser *data* individwali li ma tkunx tista' tibqa' tiġi attribwita għal persuna fiżika jew ġuridika speċifika mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali, dment li tali informazzjoni addizzjonali tinżamm separatament u tkun

soġġetta għal miżuri tekniċi u organizzattivi biex jiġi żgurat li d-*data* individwali ma tiġix attribwita lil persuna fiżika jew ġuridika identifikata jew identifikabbli;

- (13) “*data aggregata*” tfisser l-output li jirriżulta minn kombinazzjonijiet jew kalkoli bbażati fuq *data* relatata ma’ diversi azjendi prospettanti.

↓ 2023/2674 Art.1.5

Artikolu 3

Sabiex jiġi żgurat li l-lista tat-taqsimiet tal-*FSDN* tista’ tiġi aġġornata fuq talba minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 18, li jemendaw l-Anness II fir-rigward tal-lista tat-taqsimiet tal-*FSDN* għal kull Stat Membru.

↓ 1217/2009

KAPITOLU II

↓ 2023/2674 Art.1.17

DATA GĦALL-ĠBIR TAL-PROSPETTI TAL-AZJENDI AGRIKOLI U L-KONNESSJONI TAD-DATA

↓ 2023/2674 Art.1.7

Artikolu 4

1. Il-prospetti tal-azjendi agrikoli għandhom jiġu kkompilati permezz ta’ sħarriġ li għalih l-Istati Membri jistgħu jużaw, fejn rilevanti, *data* mis-sorsi tad-*data* msemmija fil-paragrafu 2 u sorsi ta’ *data* rilevanti oħra, kif ukoll metodi ta’ kompilazzjoni tad-*data* jew approċċi innovattivi għall-kondiviżjoni u l-kompilazzjoni tad-*data*.

2. L-aġenziji ta’ kollegament għandhom ikollhom id-dritt li jaċċessaw u jużaw, mingħajr ħlas, is-sorsi ta’ *data* li ġejjin:

- (a) is-Sistema Integrata ta’ Amministrazzjoni u Kontroll (SIAC) stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/2116;
- (b) is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta’ annimali terrestri miżmuma stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹;
- (c) ir-reġistru tad-dwieli implimentat skont l-Artikolu 145 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²²;

²¹ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”) (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj>).

²² Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-

- (d) ir-reġistri tal-biedja organika stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³;
- (e) Id-*data* tal-Istati Membri għat-tweġiq tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK (DME) miksuba skont l-att ta' implimentazzjoni adottat abbażi tal-Artikolu 133 tar-Regolament (UE) 2021/2115;
- (f) fejn rilevanti, ir-rekords fil-livell tal-azjendi agrikoli miġbura għall-istabbiliment mill-Istati Membri ta' programmi ta' azzjoni skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE²⁴;
- (g) kwalunkwe sors ta' *data* rilevanti ieħor aċċessibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aġenziji ta' kollegament ikollhom id-dritt li jaċċessaw u jużaw is-sorsi tad-*data* msemija fil-paragrafu 2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu għal dak l-għan il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa li jiffaċilitaw l-aċċess effettiv għal dawk is-sorsi ta' *data* u l-użu tagħhom. Id-dritt ta' aċċess u użu għandu jingħata wkoll fejn l-aġenzija ta' kollegament tiddelega kompiti lil persuni ġuridiċi jew fiżiċi biex dawn jitwettqu f'isimha.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 18, li jemendaw il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu billi żżid sorsi ta' *data* xierqa ġodda stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni.

↓ 2023/2674 Art.1.8

Artikolu 5

1. Minbarra l-prospett tal-azjenda agrikola, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw ir-rabtiet bejn l-azjenda prospettanti u l-identifikaturi li jappartjenu għal dik l-azjenda fis-settijiet tad-*data* li ġejjin;

- (a) DME;
- (b) SIAK.

L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni jew dawk ir-rabtiet, jew direttament id-*data* relatata mal-azjenda prospettanti fis-settijiet tad-*data* msemija fl-ewwel subparagrafu, għajr l-identifikaturi. L-Istat Membri li jibgħatu d-*data* direttament għandhom jipprovdu n-numru tal-FSDN tal-azjenda prospettanti.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 18, li jemendaw il-lista ta' settijiet tad-*data* msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jżidu settijiet tad-*data* xierqa u rilevanti ġodda. Meta teżerċita s-setgħa tagħha li tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha:

Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>).

²³ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj>).

²⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj>).

- (a) tiżgura li l-atti delegati jkunu debitament ġustifikati u ma jgħolqux piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew azjendi prospettanti;
- (b) twettaq analiżijiet tar-rilevanza, il-fattibbiltà, il-proporzjonalità u l-kwalità ta' tali settijiet ta' *data* u tqis kif xieraq ir-riżultati ta' dawk l-analiżijiet.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jelenkaw id-*data* li għandha tiġi estratta mis-settijiet ta' *data* msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-iskadenzi għat-trażmissjoni ta' dik id-*data* bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Dik id-*data* għandha tkun marbuta mal-iskop ta' dan ir-Regolament kif stabbilit fl-Artikolu 1 u ma' wiehied jew aktar mis-suġġetti stabbiliti fl-Anness I. Meta tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rilevanza ta' dik id-*data* u l-fattibbiltà tal-estrazzjoni tad-*data* msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 19(2).

4. Il-Kummissjoni għandha tħejji u tagħmel disponibbli għall-Istati Membri linji gwida tekniċi dwar il-metodoloġija għall-estrazzjoni tad-*data* rilevanti.

↓ 2023/2674 Art.1.9 (adattat)

Artikolu 6

1. Il-qasam tal-istħarriġ għandu jkopri l-azjendi li għandhom daqs ekonomiku ekwivalenti għal jew ikbar mil-livell limitu li jikkorrispondi għal wiehied mil-limiti iktar baxxi tal-klassijiet ta' daqs ekonomiku tat-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi msemija fl-Artikolu 8.

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 18, li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar l-istabbiliment tal-livell limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawk ir-regoli għandhom jiżguraw li l-azjendi agrikoli ta' daqs ekonomiku iżgħar ikunu rappreżentati b'mod adegwat fil-pjanijiet għall-għażla tal-azjendi prospettanti stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7.

Il-Kummissjoni għandha tadotta, abbażi tad-*data* u tal-input li tirċievi mill-Istati Membri, atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-livell limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 19(2).

2. Biex tikkwalifika bħala azjenda prospettanti, azjenda għandha:

- (a) tkun koperta mill-qasam tal-istħarriġ imsemmi fil-paragrafu 1;
- (b) tkun rappreżentattiva, flimkien mal-azjendi l-oħra u fil-livell ta' kull taqsima tal-FSDN tal-qasam tal-istħarriġ.

3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazzjonali biex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni fl-istħarriġ.

F'każijiet eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jadottaw ukoll regoli biex jindirizzaw każijiet possibbli li fihom l-għadd ta' azjendi prospettanti stabbilit fil-pjan għall-għażla tal-azjendi ☒ prospettanti ☒ x'aktarx li ma jintlaħaqx. Tali regoli, madankollu, ma għandhomx jipprevedu penali għall-bdiewa.

↓ 1318/2013 Art.1.9
→₁ 2023/2674 Art.1.10

Artikolu 7

1. →₁ Kull Stat Membru għandu jfassal pjan għall-għażla tal-azjendi prospettanti li jiżgura kampjun rappreżentattiv tal-qasam tal-istħarriġ. ←

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 18, li jistabbilixxu r-regoli li skonthom l-Istati Membri għandhom ifasslu dawn il-pjanijiet. Tali regoli għandhom jiżguraw li l-pjanijiet għall-għażla ta' azjendi prospettanti:

(a) jifasslu abbażi tal-iktar informazzjoni statistika reċenti;

↓ 2674/2023 Art.1.10(a)

(b) jiġu ppreżentati skont it-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi;

↓ 1318/2013 Art.1.9

(c) jispeċifikaw, b'mod partikolari, id-distribuzzjoni ta' azjendi prospettanti skont il-kategorija tal-azjenda u r-regoli dettaljati għall-għażla tagħhom.

↓ 2674/2023 Art.1.10(b)

2. Skont ir-regoli adottati skont il-paragrafu 1, u abbażi tal-informazzjoni li rċeviet mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu n-numru ta' azjendi prospettanti għal kull Stat Membru u għal kull taqsima tal-FSDN. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).

3. In-numru ta' azjendi prospettanti li għandhom jintgħażlu għal kull taqsima tal-FSDN jista' jkun sa 20 % iżgħar jew akbar min-numru stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati skont il-paragrafu 2, dment li jiġi rispettati in-numru totali tal-azjendi prospettanti tal-Istat Membru kkonċernat.

↓ 1318/2013 Art.1.9

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu u jaġġornaw mudelli u metodi marbuta mal-forma u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi notifikata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).

Artikolu 8

↓ 2023/2674 Art.1.11

1. L-azjendi għandhom jiġu kklassifikati b'mod uniformi skont it-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi.

It-tipoloġija għall-azjendi għandha tintuża b'mod partikolari għall-preżentazzjoni, skont it-tip ta' biedja u skont il-klassi tad-daqs ekonomiku, tad-*data* miġbura permezz tal-istħarriġ tal-Unjoni dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli u l-FSDN.

↓ 1318/2013 Art.1.9

2. It-“tip ta' biedja” ta' azjenda għandu jiġi determinat mill-kontribut relattiv tal-produzzjoni standard tal-karatteristiċi differenti ta' dik l-azjenda għall-produzzjoni standard totali tal-azjenda.

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 18, li jistabbilixxu l-perijodu ta' referenza għall-produzzjoni standard.

3. L-azjendi għandhom jiġu klassifikati skont numru limitat ta' tipi ta' biedja. Għandhom jiġu speċifikati t-tipi ġenerali ta' biedja. Skont l-ammont ta' dettall meħtieġ, it-tipi ġenerali ta' biedja għandhom jinqasmu f'tipi prinċipali ta' biedja.

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 18 rigward id-determinazzjoni tat-tipi ġenerali u prinċipali ta' biedja.

Il-korrispondenza bejn it-tipi ġenerali u prinċipali ta' biedja u t-tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet fil-biedja li jikkorrispondu għal tipi prinċipali ta' biedja għandhom jiġu speċifikati.

4. Id-daqs ekonomiku tal-azjenda għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-produzzjoni standard totali tal-azjenda.

5. L-importanza tal-attivitajiet ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda għajr l-attivitajiet agrikoli tal-azjenda għandha tkun iddeterminata abbażi tal-kontribut ta' dawg l-attivitajiet ta' qligħ għall-produzzjoni tal-azjenda.

6. Il-produzzjonijiet standard u d-datagħad-determinazzjoni tagħhom għandhom jiġu trasmessi lill-Kummissjoni (Eurostat) mill-aġenzija ta' kollegament magħżula minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 10 jew mill-korp li lili ġiet delegata din il-funzjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu:

- (a) il-metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja msemmija fil-paragrafu 3 u biex l-azjenda tiġi assenjata tip prinċipali ta' biedja;
- (b) il-metodu għall-kalkolu tad-daqs ekonomiku tal-azjenda;
- (c) il-klassijiet ta' daqs ekonomiku għall-azjendi, kif imsemmi fil-paragrafu 1;
- (d) il-metodi għall-kalkolu tal-produzzjoni tal-azjenda, u għall-istima tal-kontribut ta' attivitajiet oħra ta' qligħ għal dik il-produzzjoni, għall-finijiet tal-paragrafu 5;
- (e) il-metodi ta' kalkolu biex tiġi determinata l-produzzjoni standard ta' kull karatteristika msemmija fil-paragrafu 2, il-proċeduri għall-ġbir tad-data korrispondenti u l-mezzi u l-iskadenzi għat-trasmissjoni tal-produzzjoni standard lill-Kummissjoni, f'konformità mal-paragrafu 6.

Dawg l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).

↓ 1217/2009

Artikolu 9

↓ 2023/2674 Art.1.12(a)

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi kumitat nazzjonali għall-FSDN (“il-Kumitat Nazzjonali”).

↓ 1318/2013 Art.1.10 (a)

2. Il-Kumitat Nazzjonali għandu jkun responsabbli għall-għażla tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet. Għal dan l-għan, l-obbligi tiegħu għandhom, b’mod partikolari, jinkludu l-approvazzjoni tal-pjan għall-għażla ta’ azjendi prospettanti.

↓ 1217/2009

3. Il-president tal-Kumitat Nazzjonali għandu jiġi maħtur mill-Istat Membru minn fost il-membri ta’ dan il-Kumitat.

Il-Kumitat Nazzjonali għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b’mod unanimu. Fil-każ li ma tinkisibx l-unanimità, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu minn awtorità maħtura mill-Istat Membru.

↓ 2023/2674 Art.1.12(b)

4. L-Istati Membri li jkollhom diversi taqsimiet tal-FSDN jistgħu, għal kull taqsima tal-FSDN taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, jistabbilixxu kumitat reġjonali għall-FSDN (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “il-Kumitat Reġjonali”).

↓ 1217/2009

Il-Kumitat Reġjonali għandu, b’mod partikolari, ikollu d-dmir li jikkoopera ma’ l-aġenzija ta’ kollegament msemija fl-Artikolu 10 fl-għażla tal-azjendi li jibagħtu prospettanti.

↓ 1318/201 Art.1.10(c)

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżami msemija fl-Artikolu 19(2).

Artikolu 10

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar aġenzija ta' kollegament li l-kompiti tagħha għandhom ikunu li:

- (a) tinforma lill-Kumitat Nazzjonali, lill-Kumitati Reġjonali u lil dawk li jiġbru d-*data* dwar il-qafas regolatorju applikabbli, u biex jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tiegħu;
- (b) tfassal il-pjan għall-għażla tal-azjendi prospettanti, biex tippreżentah lill-Kumitat Nazzjonali għall-approvazzjoni tiegħu, u, wara dan, tgħaddih lill-Kummissjoni;
- (c) tikkompila:
 - (i) il-lista tal-azjendi prospettanti;
 - (ii) fejn applikabbli, il-lista ta' dawk li jiġbru d-*data* li jistgħu jimlew il-prospetti tal-azjendi agrikoli;
- (d) tipproduċu l-prospetti tal-azjendi agrikoli;
- (e) tivverifika li l-prospetti tal-biedja jkunu tlestew kif suppost, u fejn meħtieġ, tindirizza kwalunkwe żball jew ineżattezzi misjuba;
- (f) tgħaddi l-prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija kif xieraq lill-Kummissjoni fil-forma meħtieġa u fi żmien l-iskadenza stabbilita;
- (g) tibgħat ir-rabtiet jew id-*data* msemmija fl-Artikolu 5(1);
- (h) tgħaddi t-talbiet għal informazzjoni previsti fl-Artikolu 16 lill-Kumitat Nazzjonali, lill-Kumitati Reġjonali u lil dawk li jiġbru d-*data*, u tgħaddi t-tweġibiet rilevanti lill-Kummissjoni;
- (i) li toffri lil kwalunkwe azjenda prospettanti l-possibbiltà li tikseb ir-riżultati tagħha jew mill-aġenzija ta' kollegament jew minn organizzazzjoni li taħtar, malajr kemm jista' jkun iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn erba' xhur wara li l-Kummissjoni tikkonferma li l-prospett tal-azjenda agrikola huwa kkompletat kif suppost; fejn possibbli, dawk ir-riżultati għandhom jinkludu informazzjoni dwar il-valutazzjoni komparattiva, li tqabbel dawk ir-riżultati mal-medji reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni jew settorjali;
- (j) tistabbilixxi pjan biex tinċentiva l-parteċipazzjoni fl-FSDN- u tippreżentah lill-Kummissjoni flimkien mal-pjan għall-għażla tal-azjendi prospettanti;
- (k) tagħmel disponibbli, waħidha jew minn organizzazzjoni li taħtar, ir-riżultati miksuba fil-forma ta' *data* aggregata u anonimizzata bħal fil-livell reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni jew settorjali.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).

Artikolu 11

1. Kull azjenda prospettanti għandha tkun is-suġġett ta' prospett tal-azjendi agrikoli ☒ individwali ☒ u għandha tiġi identifikata fl-FSDN minn numru uniku nazzjonali tal-FSDN.

2. Id-*data* pprovduta minn kull prospett tal-azjendi agrikoli mimli kif xieraq għandha tkun b'tali mod li jkun possibbli li:

- (a) tiġi deskritta l-azjenda prospettanti b'referenza għall-elementi prinċipali tal-fatturi tal-produzzjoni tagħha;
- (b) jiġi deskritt l-introjt tal-azjenda fid-diversi forom tagħha;
- (c) tiġi deskritta s-sitwazzjoni ekonomika, ambjentali u soċjali tal-azjenda;
- (d) tiġi vverifikata l-informazzjoni mogħtija, permezz ta' mezzi xierqa, bħal verifiki fuq il-post u kontrolli remoti.

3. Id-*data* fil-prospett tal-biedja għandha tirreferi għal azjenda waħda u għal sena ta' kontabbiltà waħda magħmula minn 12-il xahar konsekuttiv. Dik id-*data* għandha tirreferi għall-attivitajiet agrikoli tal-azjenda nnifisha u għal attivitajiet oħra ta' profitt relatati direttament mal-azjenda. M'għandu jittieħed kont ta' ebda *data* ☒ marbuta ma' ☒ wirt, kontijiet bankarji privati, proprjetà għajr l-azjenda, tassazzjoni personali jew assigurazzjoni privata, waqt it-tnejn tal-prospetti tal-azjenda agrikola.

4. Sabiex jiġi żgurat li d-*data* miġbura permezz tal-prospetti ta' azjendi agrikoli tkun komparabbli, irrispettivament mill-azjendi prospettanti mistħarrġa, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli fuq dawn li ġejjin:

- (a) il-varjabbli u d-definizzjonijiet tal-varjabbli marbuta ma' wieħed jew aktar mis-suġġetti stabbiliti fl-Anness I;
- (b) il-bidu u t-tmiem tas-sena ta' rapportar;
- (c) il-forma u t-taqsim tal-prospett tal-azjenda agrikola;
- (d) il-metodi u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni, inklużi l-estensjonijiet possibbli tal-iskadenzi u l-eżenzjonijiet għal varjabbli speċifiċi li jistgħu jingħataw lil Stat Membru fuq talba ġustifikata;
- (e) il-frekwenza tat-trażmissjoni tad-*data*, li għandha tkun annwali jew inqas frekwenti skont in-natura tal-varjabbli.

Meta tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha, kemm jista' jkun, tagħmel użu mill-varjabbli disponibbli minn sorsi ta' *data* eżistenti meta żżid, timmodifika jew tissostitwixxi l-varjabbli, u tqis il-ħtieġa li ma jinħolqux piżijiet addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew azjendi prospettanti. Qabel ma tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-fattibbiltà tal-

varjabbli proposti abbażi, fost l-oħrajn, tal-inputs mill-Istati Membri, inklużi d-disponibbiltà u l-kwalità ta' sorsi ta' *data* ġodda u eżistenti, l-implimentazzjoni possibbli ta' metodi ġodda, u l-piż finanzjarju fuq l-Istati Membri u l-azjendi agrikoli. Ir-riżultati ta' dik l-analiżi għandhom jiġu diskussi fil-kumitat imsemmi fl-Artikolu 19(1).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni msemminjati f'dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemminja fl-Artikolu 19(2).

↓ 2023/2674 Art.1.15

Artikolu 12

1. Il-prospetti tal-azjendi agrikoli u jew ir-rabtiet jew id-*data* msemminja fl-Artikolu 5 għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni mill-aġenzija ta' kollegament permezz ta' sistema ta' *data* kompjuterizzata stabbilita mill-Kummissjoni. Id-*data* għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku abbażi ta' formoli magħmula disponibbli għall-aġenzija ta' kollegament permezz ta' dik is-sistema.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar il-ħżin, l-ipproċessar, l-użu mill-ġdid u l-kondiviżjoni tad-*data* msemminja fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'ħdan il-Kummissjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemminja fl-Artikolu 19(2).

↓ 1217/2009

KAPITOLU III

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

↓ 2023/2674 Art.1.16

Artikolu 13

1. Id-*data* individwali miksuba matul l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tintuża biss għat-tweqqif ta' kompiti għall-fini tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ma għandhomx jużaw tali *data* individwali għal kwalunkwe skop ieħor, b'mod partikolari għal kontrolli skont ir-Regolament (UE) 2021/2116 jew għal finijiet ta' tassazzjoni.

2. Id-*data* tal-FSDN u, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-*data* minn settijiet ta' *data* oħra stabbiliti fl-Artikolu 5 jistgħu jsiru pubbliċi dment li jkunu kemm aggregati kif ukoll anonimizzati.

3. Il-Kummissjoni tista' tagħti aċċess għal *data* psewdonimizzata għal finijiet ta' riċerka. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 18 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tar-regoli u tal-kondizzjonijiet għal tali aċċess fil-livell tal-Unjoni. Meta tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa għall-protezzjoni ta' *data* individwali u, b'mod partikolari, ir-regoli għat-trasferimenti tad-*data* lil riċevituri li jinsabu barra mit-territorju tal-Unjoni kif stabbilit fil-Kapitolu V tar-

Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725. Il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* qabel ma tadotta dawk l-atti delegati.

↓ 2023/2674 Art.1.17

Artikolu 14

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jadottaw u jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, inkluż fir-rigward tas-sistema ta' *data* kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 12, biex jiżguraw u jkunu jistgħu juru li l-ġbir, l-ipproċessar, il-kumpilazzjoni u t-trasmissjoni ta' *data* individwali huma ristretti għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament.
2. Id-*data* individwali għandha tinżamm sakemm tkun meħtieġa biex jitwettqu analiżijiet tas-serje kronoloġiċi.
3. Id-*data* individwali ma għandhiex tkun disponibbli għal persuni għajr dawk li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li jkollhom aċċess għal dik id-*data* għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.
4. Huwa pprojbit għal kwalunkwe persuna li qiegħda tipparteċipa jew li tkun ipparteċipat fil-FSDN li tiżvela xi *data* individwali jew xi dettalji individwali oħra meta din l-informazzjoni tkun inkisbet fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħha jew inkella b'mod inċidentali għal dan l-eżerċizzju. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jindirizzaw il-ksur ta' dik il-projbizzjoni.

Artikolu 15

1. L-ipproċessar, il-ġestjoni u l-użu tad-*data* personali miġbura skont dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725.
2. Il-Kummissjoni għandha tkun il-kontrollur għall-ipproċessar tad-*data* personali inkluża fil-prospetti tal-biedja mill-mument li fih dik id-*data* tasal għand il-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kontrollur, u fejn rilevanti l-ipproċessar, għall-ipproċessar ta' *data* personali inkluża fil-prospetti tal-azjendi agrikoli li tikkonċerna azjendi li jinsabu fit-territorji tagħhom.

↓ 1217/2009

Artikolu 16

↓ 2023/2674 Art.1.18

1. Il-Kumitat Nazzjonali, il-Kumitati Reġjonali, l-aġenzija ta' kollegament u dawk li jiġbru d-*data* għandhom ikunu marbuta, fl-oqsma tar-reponsabbiltajiet rispettivi tagħhom, li jforu lill-Kummissjoni kull informazzjoni rilevanti li l-Kummissjoni tista' titlob mingħandhom rigward it-twettiq tad-doveri tagħhom skont dan ir-Regolament.

Tali talbiet għal informazzjoni li jsiru lill-Kumitat Nazzjonali, lill-Kumitati Reġjonali jew lil dawk li jiġbru *data* u t-tweġibiet rilevanti għandhom jintbagħtu bil-kitba permezz tal-aġenzija ta' kollegament.

2. Fil-każ li l-informazzjoni mogħtija tkun inadegwata jew jekk din l-informazzjoni tonqos li tasal fi żmien tajjeb, il-Kummissjoni tista', bil-kollaborazzjoni ta' l-aġenzija ta' kollegament, tibgħat esperti biex jaħdmu fuq il-post.

Artikolu 17

1. Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għandu jiffinanzja n-nefqa li tkopri:

- (a) ammont pagabbli lill-Istati Membri għall-preżentazzjoni ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija kif xieraq fi ħdan l-iskadenza stabbilita sal-għadd massimu ta' azjendi prospettanti kif stabbilit skont l-Artikolu 7(2); meta l-għadd totali ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija u ppreżentati kif xieraq fir-rigward ta' taqsima tal-FSDN jew Stat Membru jkun inqas minn 80 % tan-numru ta' azjendi prospettanti stabbiliti skont l-Artikolu 7(2) u (3) għal dik it-taqsimha tal-FSDN jew għall-Istat Membru kkonċernat, l-ammont applikat għal kull prospett ta' azjenda agrikola minn dik it-taqsimha tal-FSDN jew mill-Istat Membru kkonċernat għandu jtnaqqas b'20 %; jekk tali tnaqqis ikun ġie diġà applikat għas-sentejn konsekuttivi preċedenti fir-rigward ta' taqsima tal-FSDN jew Stati Membri, it-tnaqqis għandu jkun ta' 25 %;
- (b) il-kostijiet kollha tas-sistemi tad-*data* kompjuterizzati operati mill-Kummissjoni għat-tħaddim u l-iżvilupp tal-FSDN u għar-r-riċeviment, verifika, ipproċessar, interoperabbiltà u analiżi tad-*data* fornuta mill-Istati Membri; daww il-kostijiet jinkludu, fejn xieraq, il-kostijiet għat-tixrid tar-riżultati ta' daww l-operazzjonijiet u l-kostijiet ta' studji dwar aspetti oħra tal-FSDN ☒ if ukoll l-iżvilupp tagħhom. ☒.

2. Il-FAEG għandu jipprovdi wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-Istati Membri sabiex jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri meta jistabbilixxu s-sistema għall-għbir tal-varjabbli ambjentali u soċjali skont dan ir-Regolament, inkluż għat-taħriġ u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-għbir ta' *data*, ikun jeħtieġ adattamenti sinifikanti fis-sistema ta' għbir ta' *data* tal-FADN ta' Stat Membru. Tali kontribuzzjonijiet għandhom jiġu pprovduti lill-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2027.

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), jista' jitħallas parzjalment jew kompletament lill-bdiewa għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-istħarriġiet tal-FSDN f'konformità mal-kriterji ta' allokazżjoni stabbiliti mill-Istati Membri.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-proċeduri dettaljati fir-rigward tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), u tal-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2. Fl-atti ta' implimentazzjoni relatati mal-kontribuzzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tagħmilha ċara abbażi ta' liema kriterji għandhom jiġu allokatidaww il-kontribuzzjonijiet. Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottatid skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).

Artikolu 18

1. Is-setgħa li jkunu adottati l-atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 1(2), l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(2) u (3) u l-Artikolu 13(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-19 ta' Diċembru 2023. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa imsemija fl-Artikolu 1(2), l-Artikolu 3, l-Artikoli 4(4), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1), l-Artikoli 7(1), l-Artikoli 8(2) u (3) u l-Artikolu 13(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

☒ 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ☒

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(2), l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(2) u (3) u l-Artikolu 13(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx ġiet espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 19

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat imsejjaħ “Kumitat għan-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli”. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fil-każ ta’ atti ta’ implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 11(4), il-punt (a), ta’ dan ir-Regolament, meta l-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta’ implimentazzjoni u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 20

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-20 ta’ Diċembru 2028 rapport ta’ evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5 u l-Artikolu 10(1), il-punt (g), akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta għal att leġislativ li jemenda l-Artikolu 17(1), il-punt (a).

Artikolu 21

Ir-Regolament ☒ (KE) Nru 1217/2009 ☒ huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinfteħmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 22

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President